MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Avviz Numru. 291/2007

**Dennis Azzopardi (ID 698045 M)**

**vs**

**Paul Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-13 ta' Settembru 2007 fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut li prevja dikjarazzjoni illi huwa responsabbli bhala awtur ta' pubblikazzjoni li harget f'Settembru 2007, taht ir-ras *"Service Agencies",* li twahhal fuq in-*notice boards* li hemm fil-bini tal-Malta Shipyards Limited, kif kienet l-intenzjoni tieghu, ta' malafama u libell fil-konfront tar-rikorrenti minhabba li l-artikolu, ossia pubblikazzjoni kif ippubblikat kif imsemmi hawn fuq (kopja annessa bhala Dok A) kien malafamanti u libelluz u intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess rikorrenti, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jhallas lir-

rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Bugeja fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-dokument de quo ma jikkwalifikax bhala ‘stampat’ jew ‘xandira’ a tenur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk isegwi li l-artikolu 28 ta’ l-istess Kap 248 mhux applikabbli ghall-istess dokument;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-dokument *de quo* jaghti l-fatti kif irrizultaw lill-esponenti u jikkontjeni kummenti li jitqiesu bhala ‘fair comment’, dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat:

Illi dan il-gudikat huwa limitat ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn qal illi d-dokument imsemmi fl-avviz ma jikkwalifikax bhala ‘stampat’ jew ‘xandira’ a tenur tal-Artikolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dana l-ghaliex id-dokument kellu cirkolazzjoni limitata li kellu jinqara minn cirku partikolari ta’ nies u ma kienx imxandar ghall-konsum tal-pubbliku.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut huwa Segretarju tat-Taqsima tal-Metall tal-General Workers Union. Deherlu li

Dennis Azzopardi l-attur bhala wiehed mill-konsulenti tat-Tarzna kellu xi konflitt ta' interess fil-mansjoni tad-doveri tieghu mat-Tarzna u ghalhekk kellu javza lill-'*management'* u kif ukoll lill-haddiema membri tal-General Workers Union b'dak illi kien qieghed jigri, ghalhekk ifformola l-avviz numru 6/07 li kopja tieghu tinsab esebita a fol 2 u 3 tal-process. Dan l-avviz itqieghed fin-*'notice boards'* tac-*'changing rooms'* tal-haddiema tat-Tarzna. Jidher pero' illi dan ma kienx l-unika post fejn l-avviz gie mqieghed peress illi l-attur qal illi huwa sar jaf b'dan l-avviz meta xi hadd gabulu fl-ufficcju u kien ghalhekk li deherlu li kien malafamat u istitwixxa dawn il-proceduri.

Il-Qorti hawnhekk trid taghmel referenza ghall-artikolu 2 tal-Kap 248 illi jaghti deskrizzjoni legali ta' xi jfissru stampat, xandir, pubblikazzjoni u persuna. L-oggezzjoni tal-konvenut hija illi l-avviz kellu jkun limitat ghal cirku ristrett ta' nies u quindi ma jikkwalifikax taht id-deskrizzjonijiet moghtija mill-istess Kap 248.
Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u jidrilha illi dak l-avviz ghandu l-kwalifiki kollha kif deskritti fl-imsemmi Artikolu 2 tal-Kap 248.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-avviz hu stampat b'tipi tipografici fuq zewg faccati b'mod car u leggibbli. Dana tqieghed fin-'*notice boards'* tac-*'changing rooms'* tal-haddiema tat-Tarzna u ghalhekk jikkwalifika taht id-deskrizzjoni ta' pubblikazzjoni li skond l-artikolu msemmi jfisser kull att li bih kull stampat jigi  jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna. Il-fatt illi l-istampat kien ser jigi mgharraf lill-group ta' persuni, jikkwalifika taht din id-deskrizzjoni u ma hemmx ghalfejn l-istampat ikollu cirkolazzjoni generali ghall-konsum tal-pubbliku. Huwa bizzejjed anke f'dan il-kaz ristrett, illi jkun hemm group ta' nies li jigu a konjizzjoni ta' l-istampat biex jidhlu in vigore in-normi tal-Kap 248 fuq imsemmi.

Il-konvenut isemmi wkoll il-kelma "xandira" u jghid illi l-fatt illi l-avviz tqieghed fin-*'notice board'* ma jikkwalifikax bhala "xandira". Il-Qorti tirrileva illi l-avviz tqieghed fin-*'notice*

*board’* apposta biex il-kontenut tieghu jigi mxandar b’dak il-mezz lill-impjegati tat-Tarzna u ghalhekk saret it-trasmissjoni ta’ kliem li f’dan il-kaz gew ricevuti minn persuni.

Il-Qorti jidhrilha illi anke hawnhekk l-avviz fih l-elementi kollha necessarji sabiex jikkwalifika bhala “xandira” fis-sens tal-ligi u li gie ricevut minn persuni li skond l-istess ligi tinkludi fost affarijiet ohra korp ta’ persuni. F’dan il-kaz il-korp ta’ persuni huma l-impjegati tat-Tarzna. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-istampat imsemmi f’din il-kawza fih l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex ikun sindikat mill-attur fil-kuntest tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu. Spejjez ta’ dan il-gudikat ghall-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------